MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 217/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Versus**

**Kenneth Pisani.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kenneth Pisani ta' 29 sena bin Joseph u Beatrice nee Zammit imwieled il-Pieta' fis-27 t'Aprfil 1975 u residenti ġewwa 28 Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 222275 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 t'Awwissu 2004 u matul dawn il-aħħar tnax-il xahar qabel, ġewwa Birżebbuġa u bnadi oħra f'Malta

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamentimsemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Periolużi (GN 292/1939) kif sussegwenetement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

b) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (amphatemine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussesgwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A(1)(a) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

ċ) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħdua mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Aggravju**

e) Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi kkommetta dan ir-reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta'

skold, klabb jew ċentgur jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 2222 tal-1975, il-fedina penali netta tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat, l-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali, it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-klema 'ristretta' fit-tieni imputazzjoni tinbidel fil-kelma 'speċifikata', liema talba l-Qorti laqgħet u awtorizzat it-tali bilda fl-1 ta' Novembru 2005 (fol 11), il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr Joe Cassar (fol.17), il-ħatriet tal-esperti magħmula fil-proċess verbal (fol 11), il-ħatra tal-espert Martin Bajada (fol 30), u tal-Perit Arkitett Alexei Pace biex ikejjel il-metru metru o menu, ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, ir-relazzjonijiet taż-żewġ esperti maħtura

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekutur, il-Pulizija kienet interċettat lill-imputat fi Triq Diċembru 13 Birżebbuġa meta l-imputat kien qed isuq Honda Civic FAF 953. l-ttnax-il borża nstabu fil-but tal-imputat waqt li f'but ieħor (dak tal-lemin) nstabet is-somma ta' Lm431. Instabu affarijiet oħra relatati mad-dorga.

6. Illi skond l-istqarrija tal-imputat tat-8 t'Awwissu 2004, l-imputat kien twaqqaf fis-6.30pm fi Triq Diċembru 13 Birżebbuġa fejn instab bi 12-il borża mimlija allegetament bil-kokaina u b'somma ta' Lm431. (Fol 7). Fil-vettura tal-imputat bin-numru FAF 953 instabu żewġ joints allegatament magħmula mir-raża tal-cannabis kif ukoll kaxxsa vojta ta' CD b'xi trab abjad fuqha. Dawn l-affarijiet kollha kienu tiegħu.

7. Huwa kkonferma wkoll li l-affarijiet li nġabru mill-kamra tas-sodda tiegħu keinu nġabru borża bl-amfetamina, biċċa blokka allegatament raża tal-cannabis, seba' kantuniera tal-plastik ġodda, lista bl-ismijiet u Lm440 li wara nstabu li kienu foloz. Minn borża oħra l-imputat kien ħareġ biċċa blokka ta' kulur abjad allegatament amfetamina u tliet pakketti rizla paper. Instabet ukoll aktar kokaina fil-kamra tas-sodda li juża l-imputat.

8. L-imputat qal li hu kien jagħmel użu mill-kokaina (li kien ilu juża mit-8 ta' Awwissu 2003) , mill-ħaxixa u mir-raża tal-cannabis. L-aħħar darba li uża l-kokaina kien fil-jum ta' qabel. L-aħħar darba li kien uża l-amfetamina kien fil-weekend ta' qabel. Huwa jużaha billik jħallatha ma' xi drink.

9. Huwa kien juża madwar erba' jew ħames joints tal-cannabis kull jum.

10. Huwa kien juża madwar gramma kokaina jew tnejn jum. Gramma kien jixtriha Lm35.

11. L-Amfetamina kien juża madwar darba fil-ġimgħa. Din kienet tqum madwar Lm12.

12. L-imputat qal li kien ser juza l-kokaina li nstabt fuqu. Dak il-ħin kien sejjer lejn ix-xatt ta' Birżebbuġa. Filfatt dawn kienu l-preċiżi kelmiet:

***'Il-bieraħ il-Pulizija sabitek b'Lm431 u bi tnax-il borża bi trab abjad allegatament kokaina. Dawn inti fejn kont sejjer bihom?***

***T: Ix-xatt ta' Birżebbuġa u jiena dawn xtaqt inżommhom fuqi u xejn aktar. Pero' ngħid ukoll li kont ħa nagħmel użu minnha d-droga.'***

***Huwa qal ukoll li kienu maqsumin fi tnax-il borża biex ikun jaf kemm qed jieħu.***

13. Kien mistoqsi wkoll dwar lista ta' ismijiet, bil-laqmijiet u bin-numri li kien hemm ġewwa l-istess kaxxa tal-kartun. Dwar dawn huwa qal li ma kienx jaf x'inhuma iżda kien jaf bihom.

14. L-imputat kien ilu disa' xhur wieqaf mix-xogħol iżda qal li dawk il-flus kienu għadhom tax-xogħol. Fil-mument ma kien qed jirċievi ebda benefiċċju soċjali.

15. Xehed PC 1184 Patrick Grech li kien maħtur matul l-inkjesta u qal li l-flus li kien qed jixhed dwarhom, jiġifieri l-Lm431 kienu tajbin. Kien hemm flus oħra, fid-dokument 04CB1209, li kienu foloz.

16. Xehdu wkoll PS 765 Samuel Attard (fol 50) u PC 138 Joseph Portelli (fol 53) li kienu preżenti meta twaqqaf l-imputat u kkonfermaw li kienu nstabu 12-il borża bi trab abjad u Lm431.(Fol 50). Huma kkonfermaw ukoll is-sejbiet tal-amfetamina , ammont ta' cannabis rfesin kif ukoll xi plastic bags ġodda. Huwa rrefera wkoll għall-karta bl-ismijiet , nicknames u xi telephone numbers.

17. Mix-xhieda forensika jirriżulta li l-imputat kien fil-pussess ta'

(a)13-il pakkett[1] bil-kokaina, li dawn il-pakketti kellhom piż identiku jew kważi identiku (tneħħi wieħed li kien fih 0.194), u li l-piż tagħhom kien jammonta għal 6.832 grammi b'purita' ta' 35%. (Barra 04 ADZ 05 – farka bajda).

(b) 59.46 grammi ta' Amfetamina.

(ċ) 45.56 THC (04 ADZ 06)

(d) Traċċi ta' THC (04 ADZ 03) u (04 ADZ 04).

(e) 2.781 grammi fil-ħaxix aħdar imfarrak (04 ADZ 06).

[1] Ara fol 7 tar-relazzjoni forensika

18. Xehed ukoll l-espert Martin Bajada li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu.

19. Xehed il-Perit Alexei Pace li kkonferma li żewġ postijiet li huma aċċessibbli għaż-żgħażagħ jaqgħu f’ċirku ta’ mitt metru ‘l bogħod minn fejn inqabad l-imputat.

20. Xehdet ukoll il-Probation Officer Marilyn Attard li qalet li l-imputat kien għamel kambjament u meta xehdet hi kien clean totalment. (Fol 125).

**Xhieda in kontro-eżami**

21. PC 138 Joseph Portelli qal li hu (ix-xhud) kien fil-karozza meta waqfu biex jarrestaw lill-imputat. (Fol 133). Hu qal li jaħseb li kieku ma waqqfux lill-imputat dan kien jibqa’ sejjer. (Fol 136). L-imputat kien ikkopera mal-Pulizija.

22. L-Ispettur Nezrin Grixti xehed li l-post fejn jistba l-imputat kien fi Triq San Ġwann Birżebbuġa. Din hija viċin Pretty Bay. L-imputat kien qiegħed jitbiegħed mill-football nursery u l-ġnien pubbliku.

**Xhieda oħra tad-Difiża.**

23. Il-Probation Officer Marilyn Attard (fol 142) ddeskriviet l-isfond familjari tal-imputat bħala wieħed tajjeb ħafna. Hija kkonfermat li kienet saret bidla fl-imputat.

24. Xehed l-imputat li qal li kien telaq mid-dar u kien sejjer fid-direzzjoni tax-xatt. Huwa qal li fil-but tiegħu kellu borża bil-kokaina. Huwa kien xtrahom għax kellu problema tad-droga u qal li d-droga kienet għalih. Dak l-ammont kien jikkunsmah f’jumejn jew tlieta. L-imputat qal li kien xtara d-droga

***‘dak in-nhar stess ftit qabel ma daħal id-dar.’***

25. Huwa kien imur iġib il-flus bl-eżatt mid-dar u kien sejjer jerġa’ jiltaqa’ mal-persuna għax ma kellux flus fuqu

meta xtrahom. Id-dar kien ikkopera mal-Pulizija għax ma riedx li jinkwieta lill-ġenituri tiegħu jaraw lill-Pulizija jqallbu. Il-cannabis kienet biex jikkunsmaha hu.

26. Huwa qal li dak li kellu n-numru tat-telefon 99203860 kien persuna li miegħu ġieli xtara xi droga (Fol 150). Dak iż-żmien din il-persuna ma kellhiex flus u kien ħallashom l-imputat . L-imputat kien staqsieh għall-flus u kien talbu biex jagħtihomlu. (Fol 150).

27. Huwa qal ukoll li kien ħassar mat-tfajla xi sena qabel u ppreżenta l-kuntratt tal-bejgħ tad-dar li kien sar fid-9 ta' Settembru 2004 liema bejgħ sar għall-prezz ta' Lm27000. (Fol 165) Id-deposit tal-konvenju, li kien sar xi sitt xhur qabel (Marzu 2004), kien żammu l-imputat. Huwa sab il-flus f'idejh u beda jużahom għad-droga. Imbagħad beda jmur is-Sedqa għall-counselling. Huwa ma kienx jaħdem bil-ktieb iżda kien jagħmel xi xogħol għal rasu. Huwa kien mar id-dar iġib il-flus u baqa' ħiereġ.

***<u>Huwa ma kienx ħalla d-droga d-dar għax kien taħt l-effett tad-droga. (Fol 157)</u>***

28. L-afetamina kienet għall-użu tal-imputat u kellu kwantita' kbira għax kien sab jixtriha bl-irħis.

29. Dawn it-tipi ta' droga kien ilu jużahom xi sena.

30. Xehdet ukoll Bice Pisani, omm l-imputat li qalet li kienet rabbiet lil uliedha b'għożża kbira. Binha kien għadda minn trasformazzjoni kbira u llum ndaif mid-droga.

31. Xehdet it-tfajla tal-imputat Claire Polidano li ilha taf lill-imputat sena u nofs u qed tistenna tarbija minnu. Hi tqisu bħala bniedem responsabbli.

32. Id-difiża tellgħet ukoll lil Vicky Scicluna, rappreżentanta tas-Sedqa li kkonfermat li kien hemm rapporti tajbin ħafna fuq l-imputat. Dan juruh ukoll d-dokumenti li kienu ppreżentati a fol 185 et.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

33. L-imputat instab bi tnax-il pakkett tal-kokaina fit-triq meta twaqqaf mill-Pulizija. L-imputat qal li din kienet għalih u li kienet maqsuma fi tnax-il borża biex ikun jaf kemm kien qed jieħu.

34. Frankament il-Qorti ssib li l-verżjonijiet mogħtija mill-imputat kemm fl-istqarrija kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda mhumiex attendibbli.

35. Fl-istqarrija huwa qal li kellu d-droga kokaina fuqu għax 'xtaq iżommha fuqu' waqt li meta kien mistoqsi waqt il-kontro-eżami kif ma kienx ħalla l-kokaina id-dar huwa qal li għamel hekk għaliex kientaħt l-effett tad-droga. Diġa' jidher li hawn kontradizzjoni.

36. Jekk l-imputat qal li kien mar id-dar biex iġib il-flus ħalli jħallas lil min kien tah id-droga, kien loġiku li din id-droga titħalla d-dar u jieħu miegħu lura l-flus biss.

37. Barra dan, ex-admissis l-imputat kien jieħu d-droga kokaina d-dar kif jidher mill-istqarrija tiegħu (fol 2 tal-istqarrija, isfel). Isegwi li mhux l-ewwel darba li żamm droga d-dar u pejjipha. U għalhekk ma jirriżultax li kien qed jiġri barra bid-droga għaliex jibża' mill-ġenituri tiegħu.

38. Fl-aħħarnett l-iskuża li l-imputat ma ħalliex id-droga d-dar għax kien taħt l-influwenza tad-droga ma hija kredibbli assolutament xejn.

**39. Għalhekk l-ispjega li ta l-imputat il-għala kellu tnax-il qartas kokaina fuqu meta nqabad mill-Puliizja ma tikkonvinċix lill-Qorti.**

40. It-tieni punt li qed teżamina l-Qorti huwa dwar il-valur. L-imputat instab b'Lm431 flus f'idejh. Huwa qal li kien jixtri l-kokaina b'Lm35 kull gramma. Dan ifisser li 6.832 grami ta' kokaina kienu jiswew Lm239.12 Għaliex l-imputat kellu Lm431 f'idejh jew Lm191.88 aktar milli

jmiss? L-ispjega li ta l-imputat – għax ried iħallas u għax kellu l-flus f'idejh mid-depożitu u/jew minn xi qligħ li kien sar wara l-bejgħ tal-post- mhumiex huma konvinċenti. Id-depożitu kien sar f'Marzu 2004, 10 xhur qabel ma sar l-arrest. Allura l-imputat baqa' jiġri barra bil-flus tad-depożitu jew inkella bil-flus li ħa meta nbigħ il-post li sar kważi xahar qabel? Il-matematika żgur u l-loġika ma jikkonvinċux lil din il-Qorti.

41. It-tielet punt din il-kokaina kienet maqsuma fi tnax-il qartas tal-istess użin bejn wieħed u ieħor. L-imputat jgħid li dan kien għamlu biex jara kemm jikkonsma. Iżda mbagħad jgħid li kien għadu kemm jixtri l-kokaina. (Fol 147) [2](Punt li ma ssemma xejn fl-istqarrija) Jekk ħareġ bil-għaġla mid-dar biex iħallas kif seta' sab il-ħin ukoll biex joħroġ bi tnax-il pakkett b'qisien eżatti li kien għamel 'waħdied' hu?

42. Ir-raba' punt huwa l-ammont ta' kokaina. Dan mhux wieħed żgħir u lanqas inxtara b'xi prezz baxx. Jekk l-imputat kien jikkonsma madwar gramma jew tnejn kull jum x'kien qed jagħmel jiġri b'sitt grammi fil-but kollha mqassmin f'pakketti b'użin identiku?

43. Il-ħames punt huwa li l-imputat stess kien diġa' xtara d-droga għal ħadd ieħor tant li din il-persuna ma ħaditx gost meta l-imputat beda jippressaha biex ittih il-flus lura.

44. Meta wieħed iqis dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ċirkostanza waħda hija biżżejjed biex turi li imputat ikollu l-intenzjoni li jispaċċja[3], stante l-kumulu ta' indizji forensiċi, fiżiċi u ċirkostanzjali u n-nuqqas ta' kredibilita' tax-xhud minn fqu il-pedana tax-xhieda, il-Qorti għandha aktar minn ċirksotanza waħda li turi li l-imputat kien f'pussess tad-droga kokaina f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## It-Tieni Imputazzjoni

---

[2] 'Avukat Difensur: U meta xtrajthom
Imputat: Dak in-nhar stess ftit qabel ma dħalt id-dar.' (Fol 147)

[3] Ara 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri'

**Pussess aggravat ta’ amphetamine.**

45. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx ippruvat il-pussessa aggravat ta’ din il-mediċina iżda kien ampjament ippruvat il-pussess sempliċi ta’ din il-mediċina - reat kompriż u involut fil-pussess aggravat.

**It-tielet u r-raba’ imputazzjoni**

**Pussess semplċi tar-raża tal-cannabis kif ukoll tal-pjanta tal-cannabis.**

46. Mill-esibiti stess li nstabu jew fil-karozza jew fid-dar tal-imputat kif ukoll mir-riżultati forensiċi, dwn iż-żewġ imputazzjonijiet kienu ppruvati mill-Prosekuzzjoni.

**Il-ħames Imputazzjoni – L-aggravju tad-distanza.**

47. Jirriżulta li l-imputat twaqqaf mill-Pulizija fil-post indikat fl-iskizz tal-Perit Arkitett oli juri li fil-qrib kien hemm postijeit fejn jiltaqagħu ż-żgħażagħ. Iżda fil-fehma tal-Qorti d-difiża sssottomettiet korrettement li l-imputat ma kienx qed jitlajja’ fl-inħawi iżda twaqqaf f’dawk l-inħawi mill-Pulziija li dehrilhom li dak kien l-aħjar punt fejn tista’ ssir it-tfittxija. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dan l-aggravju.

**Konklużjoni.**

48. Għaldaqstant il-Qorfti, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, ir-regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) u l-aggravju dwar id-distanza li jidher taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101

Issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-reba’ imputazzjoni; u

Mhix issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issibu ta’ pussess sempliċi biss, reat li huwa kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni;
U qed tilliberah mill-aggravju tad-distanza li jdiher bħala l-imputazzjoni (e)

49. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra

(i) dak li qalu l-Probaiton Officers u welfare officers oħra dwar il-progress kbir tal-imputat;

(ii) il-fedina nadifa tal-imputat;

(iii) Li kkopera mal-Pulizija iżda mhux fis-sens rikjestmill-artikolu 29 tal-Kap 101

Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat kien qed jiġġerra barra b’ħafna pakketti tal-kokaina u li nstab ukoll fil-pussess ta’ drogi oħra.

50. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmien (8) xhur priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ €1030 li parti minnha tista’ tispaċċa mal-flus ippreżentati mill-Prosekuzzjoni . Jekk ma tittiħidx din l-għażla, allura l-multa trid titħallas kollha fi żmien xahar mil-lum.

51. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti mhix qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti mqabbdin matul l-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006. Lanqas ma qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż għar-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace minħabba li l-Qorti llibertat lill-imputat minn dan l-aggravju. Iżda qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż għall-perizja magħmula mill-espedrt maħtur minn dina l-Qorti s-Sur Martin Bajada, liema relazzjoni tiswa €317.47. Il-ħlas għandu jsir fi żmien xahar mil-lum.

52. Qed tawtorizza lill-imputat jieħu lura l-Lm431 Maltija jew l-ekwivalenti tagħhom f’Ewros stante li l-Qorti m’għandhiex quddiemu prova ċara li dawn il-flus ġew mill-bejgħ tad-droga. (Ara l-paragrafu 50 dwar il-possibilita’

tal-ispaċċjar). Tordna pero’ li jinżammu u jkunu kkonfiskati ż-żewġ mobile phones.

53. Tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------